MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 129/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Micallef)**
**Vs**

**Paul Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fit-12 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tal-23.20 hrs, fi Triq B'Bugia, B'Bugia,**

**1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru. GAG-096 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;**
**2) gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 t'April, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15A, 15E tal-Kap. 65 u l-Att nru. VI/1998, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal mitejn lira Maltin (LM200) multa, kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena. Alternattivament, jekk din l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza fis-sens li tigi mposta piena iktar ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- Li ma kien minnu xejn li l-appellant ma kienx f' pozizzjoni li jsuq vettura minnhabba xorb kif allegat. Il-Pulizija stess ammettew li l-appellant kellimhom b' mod normali u kien jaf x' qed jaghmel. Illi biex jigi ordnat it-test tan-nifs dan il-bzonn irid ikun "tant manifest" u f' dan l-kaz ma kienx hemm bzonn, imma nholqot *aura* li kien hemm bzonn. Li l-appellant gab ruhu b' mod civili pero' zamm ferm id-drittijiet tieghu. Li l-appellant jahdem bhala driver tal-containers u dan hu l-ghixien tieghu. Il-fatt hu li mart l-appellant riedet tistrumentalizza l-makkinarju tal-gustizzja kontra zewgha. Illi kemm ilu jsuq ghal dawn l-ahhar erba u tletin sena, l-appellant qatt ma kellu incident tat-traffiku.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Ix-xhieda mismugha quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti hekk:-**

PS 853 FRANK SCIBERRAS **xehed li fit-12 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-11.15 pm, Mary Azzopardi, rraportat li kellha xi tghid mall-appellant zewgha fir-residenza taghhom u li zewgha kien fis-sakra w kien sawwat lil binthom Sabrina. L-appellant kien mar l-ghassa bil-vettura numru GAG 096 BMW. Hu hareg biex ikellem lill-appellant izda dan mar lejn iz-Zejtun. Huma marru warajh u waqqfuh go Birzebbugia Road, Birzebbugia. L-appellant kellu riha ta' alcohol imma ma ammettiex li xorob. Hu ghalhekk talbu li jaghmel it-test u meta gew tal-Mobile Squad, l-appellant irrifjuta li jaghmel it-test kemm fit-triq u kif ukoll aktar tard fid-depot quddiem l-Ispettura. Kienet inghatatlu l-caution kemm fit-triq kif ukoll fid-Depot.**

PC 626 GIANCARLO BENNETTI **xehed li fil-jum u hin fuq imsemmi kienet marret il-mara tal-appellant tirraporta li l-appellant kien fis-sakra u qed jaghmel xenati d-dart. Wara ftit kien mar l-appellant l-ghassa bil-car GAG 096 BMW . Hu saq u huma ippruvaw iwaqqfuh u marru warajh u waqqfuh fejn l-Al fresco . Hu osserva li l-appellant kellu riha ta' alcohol u seta' jxommu. Qalulu biex jaghmel il-breathalyser test izda l-appellant irrifjuta kemm dak il-hin fit-triq kif ukoll wara d-Depot. In kontroezami x-xhud qal li l-appellant ma kienx qed isuq bi speed qawwi anzi kien isuq bi speed baxx hafna. Kien kalm imma ma setax jifhem u jirrejagixxi. Tal-Mobile kienu tawh il-"caution" u dan gie ripetut fid-Depot.**

L-APPELLANT **xehed li kellu kwistjoni id-dar fuq xi qtates. Ma kienx xurban dak in-nhar . Ma kien xorob xejn.**

**Illi kif jidher mid-dokument a fol. 8 tal-process , l-appellant ma tax il-kunsens tieghu biex jaghti kampjun tan-nifs kemm fuq il-post kif ukoll fil-Kwartieri Generali.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi wara li nstemghu dawn il-provi, Dr. Mark Busuttil, ghall-appellant , mhux b' sorpriza ghal din il-Qorti, irrimetta ruhu ghall-provi. F' dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-istess provi li ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.**

**Skond l-artikolu 15A(1) tal-Kap.65 ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' motor car jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f' post pubbliku iehor meta ma tkunx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi. U skond l-artikolu 15C u 15E, meta uffficjal tal-Pulizija ikollu suspett li persuna tkun issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' motor car u li jkollha alcohol f' gisimha, huwa jista' jehtieg li dik il-persuna taghtih zewg kampjuni tan-nifs ghat-test tan-nifs. Ghalhekk il-Pulizija f' dan il-kaz kellhom kull dritt li jesigu li l-appellant jissoggetta ruhu ghall-ghoti ta' kampjuni tan-nifs fic-cirkostanzi. Ir-rifjut li jinghata tali kampjun tan-nifs, umbaghad fih innifsu huwa reat.**

**Umbaghad il-fatt li l-incident kollu skaturixxa minn rapport li ghamlet mart l-appellant dwar xi incident li gara fid-dar konjugali ma jannjentax il-provi konkreti w sodi rizultanti mix-xhieda taz-zewg ufficjali tal-pulizija, li l-appellant kellu riha ta' xorb u ma kienx qed jifhem sew u ma kienx qed jirrejagixxi, meta waqqfuh fit-triq. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Simon Ellul Sullivan" **[14.12.2005] ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni jista' jirrizulta pruvat anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okulari li jkunu osservaw lill-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat.**

**Ghalhekk l-aggravji dwar il-htija qed jigu respinti.**

**Illi dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.).**

**Illi skond l-artikolu 15H (1) (a) tal-Kap.65, min jinstab hati tar-reati li rrizultaw fil-konfront tal-appellant ikun soggett ghall-piena tal-multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghall-dik il-multa w prigunerija flimkien. Umbaghad is-subartikoilu (2) jiddisponi li b' zieda mall-piena il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan, fil-kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur. Ghalhekk f' dan il-kaz giet applikata l-inqas multa possibbli skond il-ligi u l-Ewwel Qorti addirittura applikat periodu ta' sospensjoni inqas minn dak li kellha tapplika bil-ligi. Dwardan ma sarx appell mill-Avukat Generali pero'. Ghalhekk il-piena zgur hija entro l-parametri legali f' dan l-kaz.**

**Illi umbaghad ghall-precizjoni jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, il-fedina penali tal-appellant mhux wahda netta, imma minnha jirrizulta li apparti li kien instab hati ta' korruzzjoni ta' tfajla minorenni, kien ukoll instab hati ta' ksur ta' l-ligijiet tat-traffiku darbtejn.**

**Finalment il-fatt li l-appellant jahdem bhala driver tal-*containers* ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.**

**Ghalhekk anki l-aggravji dwar il-piena qed jigu respinti;**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dana pero' li l-periodu ta' tlitt xhur skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan, ghandu jibda' jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------